# Il-Fanal

GEORGE ZAMMIT

Int miegħi ħabrieka ħuttafa
minn id il-Ħallieq ittajjart
flimkien qsamna sema u baħar u art
u mat-triq
kemm kienu l-irwiefen, kemm hedded il-mewġ
u kemm ħaraq il-labar tal-ħurrieq,
għad li lmaħna xi drabi
minn xibka ta' xewk u għollieq
bħal kewkba minn sema sewdieni,
imfewħa t-tbissima tal-ward.
U mill-irxiex għaddejna, jraxxax xemxi,
ferrieħ bil-blanzuni jittajru mar-riħ
fir-rebbiegħa li taret bħal siegħa
bil-ħolm li welled u rabba'
ħelwa ħuttafa, l-imħabba.
U qsamna d-deżerti tal-kotra fin-nixfa tas-sajf.
U ġrejna msaħħrin minn miraġġi ta' ġmiel u ta' ġid
—imberrqa l-għajnejn
miftuħa l-idejn—
X'sibna? Xejn ħlief ix-xejn.
U ġiet il-ħarifa: fittixna
il-hemm mit-theddida tal-beraq
tħassibna lis-sfura tal-weraq
iduru mar-riħ dawra mejt
fiż-żifna tal-mewt.
U meta fuq l-għolja u fuq wita
bdiet ittanbar ix-xita bil-qliel
misjuqa mir-rjieħ,
u l-bidwi, ferrieħ
beda joħlom il-qasbi għammiel
int bħali bdejt toħlom ħelsien
mit-toqol taż-żmien u tixtieq
li tad-dinja tintemmlek it-triq.

Fuq ix-xefaq id-dlam firex saltnatu.
Nittajru fis-swidija
tal-lejl li f'ħobbu jħaddan l-ogħla dija
u mixtiqin mill-poeżija
mistura f'ġuf id-dlam,
mir-ragħwa tal-mewġ jobrom taħtna
inħossu fil-qorob il-ħin mixtieq,
li jwassal lejn bieb il-Ħallieq.
Nimtlew kollna ferħ
bis-sejħa ta' serħ
li tiddi mill-bogħod,
u ġġiegħel lil qalbna tirtogħod
mar-raġġ li ġej mill-fanal
bħal tislima ta' merħba u ta' sliem
bla tmiem.